# Skema ta' Għotjiet tal- Culture Pass

**Linji Gwida Uffiċjali**

**Sejħa għal Espressjoni ta' Interess 2026**

*Skema ta' Għotjiet tal-Culture Pass 2026 – Linji Gwida għall-Applikanti*

# 1. Introduzzjoni

Permezz tal-Culture Pass studenti tal-kindergarten, tal-primarja, tal-iskejjel medji, skola anzjana u studenti post-sekondarji sal-Livell 4 tal-MQF ser jingħataw l-opportunità li jgawdu mill-inqas produzzjoni artistika waħda matul is-sena skolastika. Dawn il-produzzjonijiet jittellgħu minn professjonisti kreattivi permezz ta' programm ikkurat.

1.1 Il-Culture Pass tfassal biex:

I. Joffri lit-tfal u lill-istudenti **mill-kindergarten sal-iskejjel post-sekondarji jew istituti edukattivi sal-Livell 4 sal-MQF** esperjenzi kulturali u artistiċi professjonali tal-ogħla kwalità;

II. Jikkumplimenta r-riżultati tat-tagħlim tal-Kurrikulu Nazzjonali u jżid il-valur tal-edukazzjoni kulturali u tas-suġġetti kurrikulari u t-temi transkurrikulari (il-litteriżmu, il-litteriżmu diġitali, it-tagħlim dwar kif nitgħallmu u t-tagħlim koperattiv, l-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli, l-intraprenditorija, id-diversità u l-kreattività u l-innovazzjoni);

III. Iħeġġeġ lill-prattikanti kreattivi joħolqu u jiżviluppaw xogħol ġdid għal udjenzi żgħar u jżid il-kapaċità tal-programmazzjoni tul perjodi itwal biex jikkollega dixxiplini artistiċi u mhux artistiċi mal-kurrikulu tal-istudenti.

# 2. Sejħa għal Espressjoni ta' Interess

Id-Direttorat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali u l-Kunsill Malti għall-Arti qegħdin iħabbru b'mod konġunt Sejħa għal Espressjoni ta' Interess għat-tressiq/proposti ta' avvenimenti ta' natura kulturali u artistika maħsuba għat-tfal u għal studenti mill-Kindergarten u l-iskejjel primarji u għal studenti li jattendu skejjel medji, superjuri u post-sekondarji. L-attivitajiet għandhom isiru bejn id-data tat-tnedija u Ġunju 2027.

Din is-Sejħa tfasslet biex tippermetti lill-prattikanti kreattivi jiġġeneraw xogħol

affaxxinanti, kreattiv, innovattiv, oriġinali kif ukoll xogħol diġà eżistenti għal udjenzi f'dawn il-kategoriji ta' età u biex tagħti l-opportunità lit-tfal u liż-żgħażagħ igawdu mill-inqas attività kulturali waħda bħala estensjoni għall-kurrikulu kopert tul is-sena skolastika.

### 2.1 Objettivi

L-objettivi tal-Culture Pass huma li:

- Jippermetti l-iżvilupp edukattiv għat-tfal u għall-istudenti li jattendu istituzzjonijiet edukattivi, mill-edukazzjoni bikrija sal-istituti edukattivi sal-livell 4 tal-MQF permezz ta' mezzi kulturali u artistiċi, b'mod speċjali billi jtejjeb b'mod kreattiv il-kurrikulu u r-riżultati tat-tagħlim koperti fl-iskola.
- Iħeġġeġ il-kollaborazzjoni bejn is-setturi edukattivi u kulturali u setturi relevanti oħra bħax-xjenza u t-teknoloġija. Ser tingħata prijorità lil dawk illi jtellgħu proġetti u produzzjonijiet permezz ta' approċċ transkurrikulari.
- Iħeġġeġ u jappoġġa liż-żgħażagħ biex jieħdu sehem f'attivitajiet kulturali u artistiċi.
- Jinċentiva lill-produtturi kulturali biex jipproduċu produzzjonijiet **ġodda** u attivitajiet artistiċi mfassla speċifikament għat-tfal u għaż-żgħażagħ.
- Joħloq udjenzi ġodda f'ġeneri u fi stili differenti.
- Jippromwovi l-kultura u l-arti bħala attività divertenti, sodisfaċenti, impenjattivi u eċċitanti għaż-żgħażagħ.

## 3. Min Jista' Japplika?

Is-Sejħa għal Espressjoni ta' Interess tinsab miftuħa għal:

- Individwi li għandhom 18-il sena jew aktar,
- Kollettivi artistiċi,
- Organizzazzjonijiet mhux governattivi rreġistrati (irreġistrati mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji) li n-natura tax-xogħol tagħhom tkun orjentata mill-kultura u mill-arti.

N.B. Organizzazzjonijiet/Attivitajiet illi jirċievu fondi pubbliċi lokali permezz ta' voti stabbiliti mill-Gvern mhumiex eliġibbli biex japplikaw.

L-applikanti għandhom ikunu ċittadini Maltin jew ikollhom permess ta' residenza f'Malta/ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija /passaport Malti.

Fil-każ ta' organizzazzjoni l-applikant għandu jkun ir-rappreżentant legali tal-organizzazzjoni.

### 3.1 Produzzjonijiet u attivitajiet eliġibbli

- L-applikazzjonijiet jistgħu jitressqu għal avvenimenti kulturali u artistiċi prodotti b'mod speċifiku għal tfal u żgħażagħ ta' 3 snin jew aktar li jattendu skejjel u istituzzjonijiet tal-Gvern, tal-knisja jew indipendenti li joffru edukazzjoni sal-Livell 4 tal-MQF. Din is-sejħa miftuħa wkoll għal avvenimenti kulturali u artistiċi aċċessibbli għall-pubbliku, sakemm ma jkunux disponibbli mingħajr ħlas. Biex it-tim tal-produzzjoni jkun eliġibbli għal finanzjament taħt l-iskema tal-culture pass l-udjenza għandha tkun magħmula esklużivament minn studenti parteċipanti.
- L-avvenimenti jistgħu jikkonsistu fil-forom artistiċi li ġejjin u jistgħu wkoll ikunu ta' natura multidixxiplinari: *Żfin, Teatru, Mużika, Arti Viżiva, Arti Diġitali, Letteratura, Rakkont ta' Stejjer, Ċinema, Patrimonju Kulturali.*
- L-interattività hi obbligatorja. Din tista' tieħu l-forma ta' workshop ta' qabel jew wara l-produzzjoni jew tkun inkorporata fit-twassil tal-produzzjoni nfisha. L-avvenimenti ma jistgħux jikkonsistu biss f'workshops.
- Attivitajiet eżistenti offruti lill-iskejjel/studenti mingħajr ħlas huma esklużi minn din l-inizjattiva u għalhekk mhumiex ikkunsidrati eliġibbli.
- Fil-każ ta' produzzjonijiet itineranti l-produtturi jenħtie jidentifikaw id-dati tal-produzzjoni, il-qafas taż-żmien, l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa mill-postijiet inkwistjoni, l-għadd massimu ta' postijiet permessi, l-adegwatezza għall-gruppi ta' età u l-adegwatezza għal studenti b'diffikultajiet fit-tagħlim. Fil-każ ta' postijiet speċifiċi għas-sit, il-produtturi għandhom jidentifikaw id-dati tal-produzzjoni, il-qafas taż-żmien, l-għadd massimu ta' postijiet disponibbli, l-adegwatezza għall-gruppi ta' età, l-adegwatezza għal studenti b'diffikultajiet fit-tagħlim u l-aċċessibbiltà għall-post u għall-intern tiegħu. Kwalunkwe restrizzjoni imposta mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika għandha tiġi osservata b'mod strett.

- Il-proposti jkollhom jinkludu pakkett ta' riżorsi għall-għalliem illi jenfasizza r-relevanza għall-kurrikulu. Jekk ma jiġix ippreżentat il-pakkett ta' riżorsi tal-għalliema l-applikazzjoni ma tkunx tista' tiġi kkunsidrata.
- L-applikanti li diġà pparteċipaw fil-Culture Pass bix-xogħol propost għandhom iressqu reġistrazzjonijiet u kwalunkwe dokumentazzjoni relevanti ieħor.

## 4. Kontenut edukattiv għall-avvenimenti proposti

Il-kontenut tal-attivitajiet proposti u elenkati hawn fuq jista' jkun marbut ma' suġġetti koperti mill-kurrikulu nazzjonali fuq www.curriculum.gov.mt u mas-suġġetti ttrattati fil-klassi. F'dar-rigward inħeġġu ħafna temi interkurrikulari.

Fost oħrajn oqsma ssuġġeriti li jistgħu jiġu ttrattati jinkludu:

- Il-midja tal-massa – l-influwenza tal-midja tal-massa fuq l-istudenti, il-ġenituri u s-soċjetà, il-valuri li qegħdin jiġu propagati permezz tal-midja tal-massa;
- Il-globalizzazzjoni u l-multikulturaliżmu – Kwistjonijiet dwar il-ġeneru, l-etniċità, l-identità u l-inklużjoni soċjali;
- Id-diversità fis-soċjetà, fil-komunità u fil-familja b'mod partikulari;
- Il-politika – kif maħsuba f'Malta u mqabbla mal-bqija tad-dinja, it-tifsira tal-politika u tal-etika relatata magħha. L-imgħoddi, il-preżent u l-ġejjieni tal-politika;
- Il-vjolenza domestika;
- Id-drittijiet tal-bniedem;
- Is-saħħa u n-nutrizzjoni, inklużi l-isfidi tad-disturbi fil-komportament alimentari;
- Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol – id-drittijiet tal-ħaddiema, l-etika tax-xogħol, is-saħħa fiżika u psikoloġika, il-fastidju u l-intimidazzjoni fuq il-post tax-xogħol;
- L-intimidazzjoni fost l-istudenti;
- Kwistjonijiet ambjentali – ir-riżorsi naturali fil-livell lokali u globali u l-użi tagħhom, sorsi ta' enerġija rinnovabbli;
- L-etika;
- L-iżvilupp personali, soċjali u professjonali;
- Is-sistema umana;
- Ix-xjenza sonora;
- Il-litteriżmu lingwistiku;
- L-apprezzament tal-films.

## 5. L-għażla tax-xogħlijiet

Il-parteċipazzjoni fl-iskema tal-għotjiet tal-Culture Pass hi bbażata fuq proċess ta' selezzjoni u ser tiġi evalwata skont kriterji stabbiliti kif elenkati hawn taħt.

It-tim tal-għażla li ser jinkludi rappreżentanti mid-Direttorat tal-Kultura, mill-Kunsill Malti għall-Arti u mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport ser jevalwa l-proposti u jagħżel ix-xogħlijiet.

Il-Bord tal-Evalwazzjoni ser jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq dawn il-kriterji:

- Il-kwalità artistika u l-kollaborazzjonijiet fuq il-proġett (40 punt);
- Ir-rilevanza tal-avveniment propost għall-udjenza mira u l-involviment mal-udjenzi (20 punt);
- Kif jitressqu t-temi kurrikulari b'mod innovattiv permezz tal-esperjenza artistika? (20 punt);
- Kollaborazzjoni mal-iskejjel fuq workshops ta' qabel jew ta' wara u l-għalliema/pakkett ta' riżorsi u r-rappurtar dwaru. (20 punt).

Il-proġetti li jiksbu punteġġ ta' 60 punt jew iżjed ser ikunu eliġibbli għall-għażla finali. L-applikanti jiġu infurmati bir-riżultat sad-dati stabbiliti.

**<u>L-applikanti jistgħu jressqu applikazzjonijiet multipli. Madankollu massimu ta' erba' produzzjonijiet għal kull entità kulturali biss jistgħu jiġu magħżula u inklużi fil-programm.</u>**

## 6. Kif jaħdem il-Culture Pass?

Inħeġġu lill-iskejjel jintroduċu minimu ta' ġeneru artistiku wieħed fis-sena lill-istudenti kollha. L-għan tagħna huwa li nipprovdu lil kull tifel u tifla u lil studenti b'esperjenzi kulturali diversi f'ġeneri u stili differenti. Biex nappoġġaw l-implimentazzjoni ta' dan l-objettiv l-iskejjel jistgħu jużaw il-Culture Pass biex iwasslu l-għan tagħna lill-istudenti tagħhom. Biex jiġi massimizzat l-involviment tal-parteċipanti fil-produzzjoni artistika l-għadd massimu ta' dawk illi jattendu m'għandux jaqbeż il-100 persuna.

L-iskejjel ser jingħataw programm ta' produzzjonijiet u avvenimenti magħżula għall-

perjodu 2026-2027. L-iskejjel ser jirċievu stedina biex jagħżlu l-attivitajiet illi ser jattendu għalihom l-istudenti u ser jintalbu wkoll jirriżervaw direttament mal-post/produtturi, dejjem skont min japplika l-ewwel. Meta jagħmlu dan waqt ir-riżervazzjoni l-iskejjel għandhom jinfurmaw lill-box office jew lill-produtturi jekk ikunux ser jużaw il-Culture Pass. Avvenimenti speċifiċi għas-sit tagħhom li jkunu miftuħa wkoll bħala avvenimenti bil-biljetti għal dawk li mhumiex utenti tal-Culture Pass għandhom jiżguraw li jsiru workshops qabel jew wara l-produzzjoni mal-utenti tal-Culture Pass.

Fil-jum tal-avveniment ir-rappreżentant tal-iskola, il-maniġer tal-post u l-produtturi ser jiffirmaw formula apposta li tikkonferma l-għadd ta' postijiet. Din il-formula tinsab inkluża bħala Appendiċi tal-Formula tal-Applikazzjoni.

**L-inklużjoni fil-programm tal-Culture Pass ma tiggarantix għotja awtomatika, qabelxejn għax l-għażla tal-avveniment ipprogrammat ippropost tibqa' dejjem fid-diskrezzjoni assoluta tal-iskejjel.**

Din l-iskema għandha baġit speċifiku. Dan il-baġit ser jinqasam b'mod ugwali bejn żewġ perjodi — minn Ottubru sa Jannar u minn Frar sa Ġunju — ħalli tiġi żgurata distribuzzjoni ġusta tal-avvenimenti tul is-sena skolastika. Meta jkunu ntużaw l-fondi kollha l-iskema tieqaf. Malli jispiċċaw il-fondi kollha disponibbli l-iskejjel u l-produtturi kollha jiġu infurmati b'dan kif xieraq.

Importanti li l-produtturi/organizzaturi jiżguraw li l-iskejjel iżommu rekord tal-istudenti kollha li jattendu f'każ li jintalab it-traċċar tal-kuntatti fiżiċi mill-Awtoritajiet tas-Saħħa.

## 7. Kif tingħata l-għotja?

Għotja għal kull student tingħata lill-produttur għall-preżentazzjoni tal-formula tat-talba. Kull produttur intitolat għal għotja massima ta' EUR 15,000 tul perjodu ta' sena skolastika waħda. L-għotja stabbilita għal €5 għal kull student. L-għotja ma tistax tintuża biex tissussidja ħlas parzjali ta' biljett. L-għotja totali tiġi kkalkulata fuq l-għadd totali ta' studenti preżenti matul il-ħin tal-attività.

Id-Direttorat tal-Kultura, il-Kunsill Malti għall-Arti u l-produtturi mbagħad jidħlu fi ftehim

dwar ix-xogħlijiet magħżula.

## 8. Oqsfa taż-żmien

| | |
|---|---|
| Data tal-għeluq tas-sejħa | 11 ta' Awwissu 2026 |
| Perjodu tal-evalwazzjoni u tal-għażla | Settembru 2026 |
| Komunikazzjoni lill-applikanti | 24 ta' Settembru 2026 |
| Komunikazzjoni lill-iskejjel | Ottubru 2026 |
| Fażi I | Data tat-tnedija sa Jannar 2027 |
| Fażi II | Frar 2027 sa Ġunju 2027 |

## 9. Kif tapplika?

Biex tapplika segwi dawn il-passi:

1. Aqra dawn il-linji gwida u r-regolamenti bir-reqqa;
2. Ivverifika jekk l-idea proposta minnek tistax tiġi ttrattata minn din l-iskema;
3. Agħfas fuq il-ħolqa li tieħdok għas-sistema tal-applikazzjoni online;
4. Oħloq il-profil tiegħek mal-Kunsill Malti tal-Arti billi tagħfas fuq Irreġistra u imla d-dettalji mitluba;
5. Mit-taqsima tas-sejħiet miftuħa, agħżel l-applikazzjoni online għall-iskema li bħsiebek tapplika għaliha;
6. Segwi l-istruzzjonijiet pass pass. Imla l-informazzjoni kollha meħtieġa mill-applikazzjoni online (inkluż il-baġit) u ehmeż id-dokumentazzjoni ta' appoġġ.
7. Ibgħat l-applikazzjoni. Għandek tirċievi konferma awtomatika tal-wasla mis-sistema.

Jekk ma tirċevix din in-notifika kkuntattjana fuq fundinfo@artscouncil.mt jew culture@gov.mt.

F'każ ta' diffikultà jew jekk tixtieq tikkonsultana dwar dan il-fond ċemplilna fuq 23347230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-9:00 u l-16:00 jew ibgħatilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt. Hija r-responsabbiltà tiegħek li tippreżenta formula ta' applikazzjoni kompluta kif spjegat f'dawn il-linji gwida u r-regolamenti. Kemm-il darba ma tippreżentax l-informazzjoni kollha meħtieġa l-applikazzjoni tiegħek ma tiġix ipproċessata u evalwata. L-iskadenza għas-sejħa tagħlaq fil-11 ta' Awwissu 2026.

L-aħħar aġġornament: 4 ta' Ġunju 2026